# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 456/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Tonna Brian**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avvż tat-Talba preżentat fl-14 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' disa' mija u sittax-il Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€916.41ċ) dovut in konnessjoni mas-servizzjoni ta' komunikazzjoni mogħtija lilu bil-kont numru 40057568, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut tiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi tal-ittra uffiċjali 272/15, u l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok. 'A', fol. 2-4); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok. 'B', fol. 5-6); (iii) estratt

mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. 'C', fol. 7), u (iv) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva numru 272/15 preżentata mis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenut fl-20 ta' Frar 2015, flimkien man-Nota ta' Opposizzjoni preżentata fis-16 ta' Marzu 2015 (Dok. 'D', fol. 8-9).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża, u jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu dikjarati fin-Nota ta' Opposizzjoni msemmija.

Ra li fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi iddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' disa' mija u sittax-il Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€916.41ċ), bl-imgħax legali mill-20 ta' Frar 2015 data tal-preżentata tal-att ġudizzjarju interpellatorju, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**